### Talbiet tar-rikorrenti

— tikkonstata li r-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 45 TFUE u tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2011, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni ([1]), billi jeżiġi li, kandidati għal pożizzjonijiet fid-dipartimenti lokali stabbiliti fir-reġjunijiet ta' lingwa Franċiża jew ta' lingwa Ġermaniża, li ma għandhomx diplomi jew ċertifikati li juru li huma wettqu l-istudji tagħhom fil-lingwa kkonċernata, għandhom jiksbu ċ-ċertifikat maħruġ mis-SELOR, wara li jkunu għaddew mill-eżami organizzat minn dan l-organu, bħala l-uniku mezz ta' prova ta' għarfien lingwistiku sabiex ikollhom aċċess għal dawn il-pożizzjonijiet;

— tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rekwiżit ta' mezz ta' prova uniku sabiex jiċċertifika għarfien lingwistiku, stabbilit fil-leġiżlazzjoni Belġjana, bħala kundizzjoni minn qabel għall-aċċess għall-pożizzjonijiet li għandhom jimtlew fid-dipartimenti pubbliċi lokali tar-reġjunijiet ta' lingwa Franċiża jew ta' lingwa Ġermaniża, għall-kandidati li ma jirriżultax mid-diplomi tagħhom li wettqu l-istudji tagħhom fil-lingwa kkonċernata, jikkostitwixxi diskriminazzjoni prekluża mill-Artikolu 45 TFUE kif ukoll mir-Regolament (UE) Nru°492/2011.

([1]) ĠU L 141, p. 1

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gyulai Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fit-8 ta' Lulju 2014 – Szemerey Gergely vs Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal Központi Szerve

**(Kawża C-330/14)**

(2014/C 303/37)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Qorti tar-rinviju

Gyulai Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Szemerey Gergely

*Konvenut:* Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal Központi Szerve

### Domandi preliminari

1) Il-prinċipju ta' flessibbiltà u ta' possibbiltà ta' emenda fis-sens tal-premessa 20 tar-Regolament 796/2004/KE ([1]), tal-premessa 27 tal-istess regolament, jew tal-premessi 18, 23 u 26 tar-Regolament 1122/2009/KE ([2]) għandu jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi, fil-każ ta' produzzjoni ta' speċi veġetali rari, li mat-talba ta' ħlas jiġi anness ċertifikat li jikkonċerna l-pjanta rari tmur kontra dawn tal-aħħar, fid-dawl tal-prassi amministrattiva li tippermetti li jintalab ċertifikat biss qabel ma titressaq it-talba ta' ħlas, bejn it-2 u l-15 ta' April, u li tippermetti li dan iċ-ċertifikat jiġi anness biss fl-istess waqt tat-tressiq tat-talba unika, u li din il-leġiżlazzjoni ma tippermettix li jiġi korrett l-iżball li jivvizzja t-talba li jirriżulta mill-assenza taċ-ċertifikat?

2) Din id-dispożizzjoni hija kompatibbli mal-obbligu li għandhom l-Istati Membri li ma jikkompromettux l-għanijiet tal-politika agrikola komuni, jew jista' wieħed isostni li t-talbiet ta' għajnuna tal-produtturi ta' pjanti rari taħt l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni saru impossibbli, eċċessivament diffiċli jew imprevedibbli fl-2010, meta nbidlet il-leġiżlazzjoni [emenda introdotta permezz tal-Artikolu 43(6) tad-digriet ministerjali FVM 61/2009 (V. 14.), implementata permezz tad-digriet ministerjali FVM 31/2010 (III. 30.)]?

3) Il-prassi amministrattiva li tikkonsisti f'li tingħata sanzjoni minħabba dikjarazzjonijiet żejda, fin-nuqqas ta' ċertifikat dwar pjanta rari, għat-talba kollha, mingħajr ma tiġi evalwata n-natura intenzjonali, in-negliġenza u ċ-ċirkostanzi, meta barra minn hekk it-talba ta' ħlas tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' għajnuna għall-plot kollu, ġaladarba l-agrikoltur ikun qed jipproduċi l-pjanta ddikjarata fuq art iddikjarata, tmur kontra l-premessa 57 tar-Regolament 796/2004/KE, il-premessa 75 tar-Regolament 1122/2009/KE, u fuq kollox il-prinċipju ta' proporzjonalità?

4) Il-klawżoli ta' eżenzjoni msemmija fil-premessi 67 u 71 tar-Regolament 796/2004/KE jew fil-premessa 75 tar-Regolament 1122/2009/KE huma applikabbli jekk l-agrikoltur jinvoka l-prassi amministrattiva kontradittorja u mhux konformi bħala ċirkustanza eċċezzjonali u jekk jipprova jistabbilixxi li t-tort tiegħu kien totalment jew parzjalment, ikkawżat mill-prassi tal-awtorità amministrattiva?

5) In-notifika aċċettata ta' każ ta' forza maġġuri marbuta mat-telf tal-produzzjoni kollha (it-tiżrigħ) tal-agrikoltur tista' tiġi kkunsidrata bħala informazzjoni korretta msemmija fil-premessa 67 tar-Regolament 796/2004/KE jew fil-premessa 93 tar-Regolament 1122/2009/KE, li jeżentaw lill-agrikoltur milli jannetti ċ-ċertifikat dwar il-koltivazzjoni ta' pjanta rari, fejn it-talba kollha ma tkunx suġġetta għal sanzjonijiet?

(1) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixi regoli komuni għal skemi ta' sostenn dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243).

(2) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU L 316, p. 65).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vrhovno sodišče Republike Slovenije (is-Slovenja) fit-8 ta' Lulju 2014 – Petar Kezić s.p. Trgovina Prizma vs Ir-Repubblika tas-Slovenja – Ministeru tal-Finanzi**

**(Kawża C-331/14)**

(2014/C 303/38)

*Lingwa tal-kawża: is-Sloven*

**Qorti tar-rinviju**

Vrhovno sodišče Republike Slovenije

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Petar Kezić s.p. Trgovina Prizma

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tas-Slovenja – Ministeru tal-Finanzi